# LECTIO DIVINA

# IR-IV ĦADD MATUL IS-SENA (B)

**Mk 1,21-28**

**Kuntest:** Wara l-bidu tal-predikazzjoni u s-sejħa tal-ewwel erba' dixxipli tibda sezzjoni b'għaxar kwadri qosra (1,21-3,6) li mbagħad tiġi segwita minn sommarju tal-attivita' ta' Ġesu' u s-sejħa tat-Tnax (3,7-10). F'1,21-39 tiġi preżentata l-attivita' ta' Ġesu' f'ġurnata sħiħa fejn jiġu indikati l-4 mumenti prinċipali tal-jum u tal-lejl. Din il-ġurnata tiġi segwita minn fejqan ta' wieħed bil-lebbra u minn serje ta' 5 kontroversji li jippreżentaw żieda gradwali fl-oppożizzjoni għall-Ġesu' sal-kundanna tal-mewt fi 3,6. Kollox jibda fis-sinagoga f'jum is-Sibt u jispiċċa fl-istess post u fl-istess jum (3,1-6). Fil-Vanġelu mbagħad isegwu tnax il-kwadru qasir ieħor (3,20-5,43) biex fl-aħħar tas-sezzjoni nerġgħu niltaqgħu mal-predikazzjoni ta' Ġesu' din id-darba f'Nazareth u l-mandat lit-Tnax il-appostlu għall-missjoni (6,1-13).

L-ewwel episodju pubbliku ta' Ġesu' f'Mk hu ħelsien mix-Xitan, marbut mal-kelma mogħtija b'awtorita' u bl-effetti tagħha jinħassu mhux biss minn dawk preżenti imma fil-Galilija kollha. Din l-għażla fil-bidu jagħmilha Mk biss għalkemm Mt u Lq jistgħu sempliċement jalludu għaliha indirettament mingħajr ma jsemmu t-tkeċċija tal-ispirtu impur.

**[Mk:1:21] U daħlu Kafarnahum. Malajr, f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem.[Mk:1:22] In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba.**

Kafarnahum, aktarx 'ir-raħal tal-konsolazzjoni', ċentru importanti, kummerċ, fruntiera, sajd, presidju militari. Jidher li sa mit-II seklu nbena l-ewwel post ta' talb fuq id-dar ta' Pietru u Indirja. F'din il-fruntiera Mt jaqra' l-profezija ta' Iż 8,23-9,1 u l-ftuħ tal-Vanġelu lill-pagani. Din il-belt tant għażiża llum tilqa' lil Ġesu' bi stagħġib imma 'l quddiem ser tkun oġġett ta' kliem iebes ta' Ġesu': "U int, Kafarnahum, taħseb li se titgħolla sas-sema? Sal-qiegħnett għad tinxteħet! Għax kieku l-mirakli li saru fik saru f'Sodoma, kieku għadha wieqfa sa llum. Imma ngħidilkom li jum il-ħaqq se jkun eħfef għall-art ta' Sodoma milli għalik" (Mt 11,23-24). Mk 2,1 juri li Ġesu' kien joqgħod hemm

u fis-Sinottiċi hi ċ-ċentru tal-attivita' tiegħu fil-Galilija. Ġesu' hu preżentat bħala dak li jgħallem. Hi tema rikorrenti ħafna f'Mk – l-istess it-terminu dixxiplu – u tissemma aktar milli fis-Sinottiċi l-oħra. Jidher li għall-Evanġelista li tifforma, li tintroduċi fil-mixja u li tgħaddi t-tagħlim huma elementi fundamentali. Infatti l-ewwel tlitt attivitajiet ta' Ġesu' fil-ministeru pubbliku huma immarkati minn dan (1,14-21): predikazzjoni, sejħa tad-dixxipli, predikazzjoni. Paradossalment il-materjal sħiħ ta' tagħlim f'Mk hu ferm iqsar meta mqabbel ma' Mt u Lq. Fil-kuntest tagħna l-kontenut ma jiġix speċifikat, għalkemm kollox irid jiġi moqri fid-dawl tal-predikazzjoni ta' qabel: "iż-żmien huwa mitmum , u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju" (1,15). Anke t-termini wżati, ἐδίδασκεν fl-imperfett u διδάσκων parteċipju preżent – it-tieni aktar mill-ewwel – juri li din kienet l-attivita' abitwali ta' Ġesu' (forsi anke s-Sibt, jew is-Sibtijiet bl-istess sens – dat. pl). Ir-reazzjoni tan-nies huwa l-istagħġib. Il-verb użat huwa wieħed qawwi li jindika li tiġi 'milqut', kważi 'mgħaffeġ' (ἐκπλήσσω). L-istess reazzjoni niltaqgħu magħha fis-sinagoga ta' Nazareth f'6,2 u toħloq inklużjoni mas-silta tagħna għalkemm hawn il-fidi hi nieqsa (6,6) tant li Wara dan l-episodju qatt ma nsibu lil Ġesu' fis-sinagoga (forsi xebħ mal-istorja tal-ewwel komunita'?) It-tagħlim ta' Ġesu' kien bħal ta' wieħed li għandu s-setgħa. Ir-rabbini kienu jiddistingwu żewġ tipi ta' awtorita': dik li tiġi mgħoddija mill-għalliem għad-dixxiplu u dik li ġejja direttament minn Alla, bħal fil-każ ta' Mose' u tal-profeti. Il-qarrej jaf li l-awtorita' ta' Ġesu' ġejja frott is-smewwiet li jiċċartu u l-inżul tal-Ispirtu (ara kontroversja fuq l-awtorita' f'11,27-33). Jaf ukoll li Ġwanni kiex ixandar u jgħid li 'ġej warajh min hu aqwa minnu' (1,7). L-awtorita' ta' Ġesu' li tidher fil-mirakli, fit-tagħlim u fl-azzjonijiet mbagħad paradossalement ser tiġi mwettqa u murija fis-servizz: "il-kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom... min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom... għax hekk ukoll Bin il-Bniedem... (10,41-45). It-test jispeċifika li l-awtorita' tiegħu kienet differenti minn tal-iskribi, terminu li jiġbor fih numru kbir ta'mansjonijet, bħal 'segretarju' illum. F'Mk huma primarjament għalliema u avukati. Din il-kategorija ta' nies huma fost l-eħrex oppożituri ta' Ġesu' (2,6.16; 11,27) u flimkien ma' oħrajn iwasslu għall-mewt tiegħu. Ġesu' hu ta' theddida għalihom kemm fuq il-livell ta' awtorita' morali u anke fuq livell ekonomiku (12,35-40).

**[Mk:1:23] Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin [Mk:1:24] u qabad jgħajjat u jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla'."**

L-Ispirtu ħażin (impur - πνεύματι ἀκαθάρτῳ) hu l-oppost għall-qdusija ta' Ġesu' u jħossu mhedded minnu. Din l-espressjoni tinstab f'Żak 13 fejn l-impurita' tal-ispirtu hija assoċjata mal-profeti qarrieqa (Żak 13,1-6). Fl-A.T. il-qdusija ta' Alla timplika ħajja, milja, sħuħija... l-Ispirtu impur hu totalment il-kontra, xi ħaġa li mhiex f'postha jew fejn għandha tkun (p.e. it-trab fid-dar flok fir-

raba'). (Il-konsegwenza tal-kunċett tal-qdusija ta' Alla jwassal għal xi nies b'difetti fiżiċi u psikoloġiċi jkunu meqjusa impuri). "Aħna x'għandna x'naqsmu..." hi formula li tindika distakk u difiża (l-armla ma' Elija li takkużah li ġie jfakkarha fi ħżunitha u joqtlilha lil binha f'1Slt17,18 u Ġesu' u ommu fi Ġw 2,4). Ġesu' hu kwalifikat min 'Nazaret', terminu rari f'Mk u aktar rari f'Mt u Lq li f'dan il-każ jista' jindika ostilita' jew inkella l-ikkonsagrat/qaddis – nazir – li tista' tkun logħob bil-kliem marbut mat-titlu li ser jingħad ftit wara, 'Il-Qaddis ta' Alla'. L-ispirtu impur jitkellem minnu nniffsu fil-plural. Jidher li hemm ġlieda li qegħda sseħħ fejn qawwa se jkollha tagħti postha lil qawwa oħra. Dan kollox diġa' ġie mgħix fl-esperjenza proprja ta' Ġesu': "Mbagħad minnufih l-Ispirtu ħarġu fid-deżert. U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan. Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli" (Mk 1,12-13). L-aktar element li hu ta' theddida għall-Ispirtu impur hi l-qdusija ("Il-Qaddis ta' Alla"). Din l-espressjoni nsibuha f'test parallel f'Lq 4,34 u mbagħad biss fi Ġw 6,68-69 fuq fomm Pietru, fl-istess sinagoga u eżatt wara l-kliem: "wieħed minnkom hu xitan"!. Issa anke l-ispirtu/i ħżiena jistqarru u jikkonfermaw l-identita' ta' Ġesu'.

**[Mk:1:25] Imma Ġesù kkmandah: "Iskot," qallu,"u oħroġ minnu." [Mk:1:26] Mbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu. [Mk:1:27] U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: "Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u humajoqogħdu għalih!"**

Ġesu' kkamandah, jew wissa'/hedded (ἐπιτιμάω – twiddiba iebsa anke f'sens ġuridiku). Hu verb tipiku fil-ġlieda mal-ispirti ħżiena (3,12;9,25), imma mhux biss. Insibuh fit-tempesta msikkta (4,39), fid-djalogu ma' Pietru – kemm fuq fomm Ġesu' u fuq fomm Pietru - (8,30-33), fuq fomm id-dixxipli (10,13) u l-folla ma' Bartimew (10,48). Mk hu tendenzjalment il-Vanġelu tal-emozzjonijiet qawwija – fl-ambitu tar-rabja – li jixbħu lil din, xi ħaġa li l-Padri tad-deżert kienu jaraw b'mod pożittiv jekk użati b'mod konsapevoli kontra l-ħażin. Il-kmand hu "iskot", l-istess bħal fit-tempesta msikkta (Mk 4,35-41). L-istess terminu nsibuh p.e. f'Mt 22,34 (Ġesu' li jsodd il-ħalq ta' dawk li jopponuh) u f'1Pt 2,15: "Għax din hija r-rieda ta' Alla: li bl-għemil tajjeb tagħkom issikktu fomm l-injuranza ta' nies bla għaqal". L-Ispirtu jobdi l-kmand pront ta' Ġesu', imma fl-istess waqt dan ġara b'ħafna taħbit u għajjat, fi kliem ieħor, mhux mingħajr reżistenza u diffikulta'. Ix-xena hi deskritta bħallikieku xena ta' agonija fejn wieħed jistenna l-mewt kif insibu f'każijiet simili: "U xħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda (mixħuta fuq is-sodda), u x-xitan kien ħareġ minnha" (Mk:7:30); "U filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna, ħareġ minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet, hekk li l-kotra tan-nies bdiet tgħid: "Miet!" Imma Ġesù qabdu minn idu u qajjmu, u hu waqaf fuq saqajh" (Mk 7,30-31). Għalhekk rebħa ċerta imma permezz tat-taqbida (immaġni tal-ħajja nisranija). Ir-reazzjoni tan-nies hi reazzjoni ta' stagħġib, li spiss niltaqgħu magħha wara l-mirakli.

Ta' min jinnota li l-istess reazzjoni diġa' seħħet bħala riżultat tas-smiegħ tal-kelma! Ir-reazzjoni hi wkoll ta' domanda (συζητέω). Hu verb frekwenti f'Mk, dejjem marbut ma' diskussjoni problematika u bla soluzzjoni. U mill-ġdid il-meravilja u l-biża' (θαμβέω) quddiem l-awtorita' tal-kelma ta' Ġesu', biż-żieda tal-"ġdid" (καινός vs νέος). Fil-Grieg καινός jirreferi għall-ġdid bħala kwalita' mentri νέος għall-ġdid f'sens temporali – l-aktar riċentri. L-aġġettiv καινός jerġa' jintuża f'2,21s ('inbid ġdid f'damiġġani ġodda'). Il-qarrej jista' jikkonferma li dak li sema' qabel fuq fomm Ġesu' – iż-żmien hu mitmum, L-Ispirtu li qed jopera, is-Saltna li wasslet – hu tassew minnu u li l-kelma ta' Ġesu' tikxef il-ħażen (ir-raġel li seta' kien hemm preżenti drabi oħra fis-sinagoga imma bla ebda manifestazzjoni) u għandha s-setgħa teħlisna minnu.

**[Mk:1:28] U l-fama tiegħu malajr xterdet ma' l-inħawi kollha tal-Galilija.**

F'dan il-vers sens ripetut ta' kobor u totalita' temporali u spazjali. Il-fama tixtered anke madwar/il-barra mill-Galilija.